**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Marzu, 2016**

**Rikors Nru: 224/2016 AF**

**Julian Buhagiar, James Zammit, Kurt Aquilina, Charles Difesa, Michael Brincat, Mary Grace Brincat, Reuben Casa, Noel Buhagiar, Karl Grima, Tereza Grima, Raymond Bugeja, Jesmond Mifsud, Mario Casa, Jean Pierre Zahra, Karen Zahra, Tano Magro, Romina Magro, Joseph Aquilina, Danica Aquilina, Damien Aquilina, Katia Gauci Formston, Stephen Saliba, Roderick Mangion, Elaine Mangion, Mario Bonnici, Godwin Azzopardi, Kevin Camilleri, Oliver Apap, Christian Camilleri, Anthony Zahra, Bartholomeo Borg, Omar Mizzi, Dominic Grima, Mary Brincat, Gaetana Dalli, Alfred Xuereb, Christopher Micallef, Alfred Grima, Alex Tabone, Renald Buhagiar, Charles Demanuele, Mario Magro, Ramon Zahra, Claire Zahra, Mario Aquilina, Jesmond Borg, Julian Ritchie, Clive Busuttil, Michael Sultana, Marica Sultana, Raymond Sultana u Antoine Buhagiar**

**vs**

**Jerome Caruana, Oswald Caruana u La Sfoglia, 67 u 68, Triq Merkanti, il-Belt Valletta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Julian Buhagiar, James Zammit, Kurt Aquilina, Charles Difesa, Michael Brincat, Mary Grace Brincat, Reuben Casa, Noel Buhagiar, Karl Grima, Tereza Grima, Raymond Bugeja, Jesmond Mifsud, Mario Casa, Jean Pierre Zahra, Karen Zahra, Tano Magro, Romina Magro, Joseph Aquilina, Danica Aquilina, Damien Aquilina, Katia Gauci Formston, Stephen Saliba, Roderick Mangion, Elaine Mangion, Mario Bonnici, Godwin Azzopardi, Kevin Camilleri, Oliver Apap, Christian Camilleri, Anthony Zahra, Bartholomeo Borg, Omar Mizzi, Dominic Grima, Mary Brincat, Gaetana Dalli, Alfred Xuereb, Christopher Micallef, Alfred Grima, Alex Tabone, Renald Buhagiar, Charles Demanuele, Mario Magro, Ramon Zahra, Claire Zahra, Mario Aquilina, Jesmond Borg, Julian Ritchie, Clive Busuttil, Michael Sultana, Marica Sultana, Raymond Sultana u Antoine Buhagiar, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih moghtija il-Qorti intalbet li zzomm lill-intimati milli jibnu, jtellghu, jinstallaw, joperaw, jutilizzaw, juzaw, jokkupaw, jippermettu li tintuza jew li tigi okkupata struttura ta' kwalunkwe tip jew ghamla fis-siti fejn jarmaw il-bankarelli taghhom ir-rikorrenti bejjiegha tal-monti fi Triq Merkanti, il-Belt Valletta.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Jerome Caruana u Oswald Caruana li permezz taghha, ghar-ragunijiet fiha mfissra, l-istess intimati sostnew li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

Semghet xhieda viva voce.

Semghet lid-difensuri jitrattaw ir-rikors.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-proceduri r-rikorrenti kollha bejjiegha tal-monti qed jitolbu lill-Qorti zzomm lill-intimati milli iressqu tinda tar-ristorant taghhom ghal fuq dik il-parti tat-triq fejn huma jarmaw il-bankarelli taghhom.

L-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

*"**873.** (1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fir-rigward huwa car u kostanti.

Fis-sentenza Mugliette vs Bonnici – Prim'Awla tal-25 ta' Jannar 2005 jinghad hekk:

*"Illi bil-ligi, jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrenti jidher li ghandu, mad-daqqa t'ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-ligi nfisha, iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak. Siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-procedura li hija mahsuba biex titqies talba bhal din hija wahda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd;*

*Illi minn dan johrog li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali u mhux normali ta' provediment legali. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li t-talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bhalma lanqas ifissser li l-fatt li talba ghall-hrug ta' Mandat bhal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiz ma jezistix. It-tiftix li trid taghmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-ghamil li minnu qieghed jibza r-rikorrent, jistax jintilef*

*darba ghal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu filwaqt li hareg it-talba ghall-hrug tal-Mandat."*

Kif intqal aktar' il fuq ir-rikorrenti huma lkoll bejjiegha tal-monti li jarmaw fi Triq Merkanti, Valletta. L-intimati jiggestixxu ristorant fl-inhawi u ghandhom ukoll tinda fil-pjazza ta' quddiem is-Suq l-Antik. Jirrizulta illi, peress illi s-sit tas-suq ser jigi zviluppat, din it-tinda perforza ser tigi spostata. L-intimati ghandhom hsieb iressqu ghal fuq sit fejn jintramaw il-bankarelli.

Mill-bejjiegha tal-monti rikorrenti f'dawn il-proceduri kienu biss hamsa li ppruvaw il-jedd taghhom li jarmaw il-bankarelli taghhom. Dawn huma Roderick Mangion, Maria Sultana, Carmelo Demanuele, Charles Difesa u Michael Sultana. Ir-rikorrenti l-ohra ma gabu ebda prova lanqas "prima facie" li huma ghandhom jedd jarmaw il-bankarelli fi Triq Merkanti.

Trattat hekk id-dritt prima facie tar-rikorrenti f'dawn ic-cirkostanzi, isegwi sewwa l-pregudizzju li ser jigi rekat lir-rikorrenti jekk l-intimati jithallew itellghu t-tinda minflok il-bankarelli taghhom, u dan peress illi l-jedd tal-bejjiegh huwa strettament abbinat ma' sit partikolari ben identifikat u definit. Bejjiegh ma jistax jisposta l-bankarella tieghu minn dik l-area lilu precizament allokata. Issa jekk l-intmati jithallew itellghu t-tinda fuq siti ga allokati ghall-bejjiegha tal-monti, l-istess bejjiegha ma jkollhomx minn fejn jahdmu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' Roderick Mangion, Maria Sultana, Carmelo Demanuele, Charles Difesa u Michael Sultana, filwaqt li tichadha kif maghmula mir-rikorrenti l-ohra.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

IMHALLEF